Dan l-Istatut il-ġdid beda jgħodd mill-bidu ta' l-1928. Hu xieraq għalhekk, li nġibu hawn fil-qoxra, għas-sodisfazzjon ta' kullħadd, ir-rendikont tal-flus li l-Għaqda daħħlet u ħarġet sa l-aħħar ta' l-1927, kif ġie mressaq fil-laqgħa tad-9 ta' Ġunju 1928.

Il-flus li l-Għaqda daħħlet u ħarġet sa mill-bidu tagħha kienu mqassmin fi tliet kaxxex għalihom li issa dawn jingħaqdu f'waħda. Dawn kienu :

(i) flus li daħlu minn l-Imseħbin tal-Għaqda, taħt l-isem ta' *Kaxxa ta' l-Imseħbin*. Din kienet imħollija f'idejn il-Kaxxier ;

(ii) flus li daħlu minn xi ħwejjeġ mhux tas-soltu, *Kaxxa Straordinarja*, f'idejn is-Segretarju ;

(iii) amministrazzjoni *Il-Malti*.

Il-bilanċ ta' dawn it-tliet kaxxex jingħaqad f'waħda u bih tinbeda s-sena 1928.

Bħal ma taraw fil-qoxra ta' dan il-għadd, il-bilanċ li ħallew dawn it-tliet kaxxex fl-imkien iġibu £9-3-6. B'dawn il-flus bdiet il-ħajja tagħha l-*Akkademja tal-Lsien Malti*.

15 ta' Ġunju 1928.

F. S. Caruana
*Segretarju u Kaxxier.*

## KOTBA TAL-BIBBJA BIL-MALTI

Niżżu ħajr lis-sur Fons Marija Galea ta' l-erba' kotba tal-Bibbja bil-Malti li bagħtilna, li huma *Ta' Ester* (miġjub bil-Malti minn Dun Pietru Pawl Grima, *Ta' Ruth* (miġjub bil-Malti minn Mons. Prof. C. Cortis d.d. *Ecclesiasticus* u *Il-Għanja tal-Għaniet* miġjub bil-Malti mis-sur Fons. Infaħħru lill-kittieba ta' dawn il-kotba għax ħaqqhom tassew ta' dan ix-xogħol sabiħ li jatu f'idejn il-poplu l-Bibbja bil-Malti; ma dawn it-tlieta hemm ieħor, il-kittieb tagħna *Sajdun* (Dun P. P. Saydon), li dalwaqt naraw f'idejna xogħol sabiħ tiegħu ta' Kotba tal-Bibbja bil-Malti. Għandu ħafna xogħol lest li dalwaqt jara d-dawl issa li għadda miċ-ċensur.

Lil dawn l-erba' kittieba tal-malti, la jkun lest dan ix-xogħol hekk sabiħ, Malta kollha tkun tafulhom; iżda l-ħlas jistennewh minn għand Alla.

S.

(iii) *Amministrazzjoni* "Il-Malti"

DĦUL

| | | £ | s. | d. |
|---|---|---|---|---|
| 1925 | 224 rċevuta ta' 1/6 | £16 | 16 | 0 |
| | Bejgħ ta' Kotba | 0 | 1 | 6 |
| | Mill-Kaxxa ta' l-Imseħbin | 5 | 0 | 0 |
| 1926 | 212 rċevuta ta' 1/6 | 15 | 18 | 0 |
| | Bejgħ ta' Kotba | 0 | 19 | 6 |
| | Mill-Kaxxa ta' l-Imseħbin | 3 | 0 | 0 |
| | Mill-Kaxxa Straordinarja għal-ħruġ tas-Supp. ta' l-Istudenti | 3 | 0 | 0 |
| 1927 | 208 rċevuta ta' 1/6 | 15 | 12 | 0 |
| | Bejgħ ta' Kotba | 0 | 2 | 6 |
| | Mill-Kaxxa ta' l-Imseħbin | 3 | 0 | 0 |
| | | £63 | 9 | 6 |

ĦRUĠ

| | | £ | s. | d. |
|---|---|---|---|---|
| 1925 | Empire Press--Stampa ta' 4 Kotba | £18 | 0 | 0 |
| | Karti għar-rċevuti | 0 | 5 | 0 |
| | Bolli | 1 | 10 | 0 |
| | Kollettur—Spejjeż u dritt | 0 | 9 | 6 |
| 1926 | Empire Press--Stampa ta' 5 Kotba | 20 | 16 | 0 |
| | Bolli | 1 | 8 | 0 |
| | Kollettur—Spejjeż u dritt | 0 | 17 | 6 |
| 1926 | Empire Press—Stampa ta' 4 Kotba | 16 | 8 | 0 |
| | Bolli | 1 | 5 | 6 |
| | Kollettur—Spejjeż u dritt | 0 | 18 | 0 |
| | Strina lil seftur | 0 | 1 | 0 |
| | *Bilanċ* | 1 | 11 | 0 |
| | | £63 | 9 | 6 |

| | £ | s. | d. |
|---|---|---|---|
| Bilanċ Amministrazzjoni *Il-Malti* | 1 | 11 | 0 |
| ,, Kaxxa Straordinarja | 1 | 7 | 6 |
| ,, Kaxxa ta' l-Imseħbin | 6 | 5 | 0 |
| | £ 9 | 3 | 6 |

Bħal ma għarrafniekom fil-qoxra tal-għadd ta' Diċembru li għadda, il-*Għaqda* tagħna sejra tieħu sehem fil-Kungress ta' l-Orjentalisti li sejjer isir Oxford (l-Ingliterra) f'Awissu li ġej. Issa għandna ngħarrfukom illi l-Kumitat ta' hemm laqa' bil-qalb li jinqraw f'dan il-Kungress iż-żewġ karti li lestew is-sur Nin Cremona u Rev. Dr. Saydon u fl-aħħar bulettin li ħarġu dan ix-xogħol tagħhom ġie mħabbar mal-ħafna oħrajn li sejjer ikun hemm minn bosta u bosta pajjiżi—ħafna minnhom mibgħutin minn l-istess Gvern tagħhom. Il-Kumitat tal-*Għaqda* tagħna issa qiegħed jitħabat mal-Gvern biex, jekk jista' jkun, jiġi mibgħut rappreżentant uffiċjali minn Malta għal dan il-Kungress—ħaġa tassew sabiħa u li aħna nistennew ħafna mill-Gvern tagħna.